# NINU CREMONA

*Ta' Ġużè Galea*

MIN ma jafux lil Ninu Cremona? Raġel qsajjar, dħuli, bieżel, fuq ruħu u ferrieħi, għaref bla ma hu mkabbar, studjuż bla ma hu mitluf wara l-kotba, surmast bla ma hu merfugħ ma l-istudenti; ħabib tal-qalb, dejjem imħejji jmidd idejh biex jaqdi lill-ħbieb.

Is-Sur Nin jingħaraf fost qabda nies; il-mixja tiegħu, daqqa mgħaġġla u oħra le, tissieħeb mal-ħsibijiet li dlonk għaddejjin minn moħħu; ġismu mxengel kemmxejn 'il quddiem donnu jrid iħaffef jasal qabel ir-riġlejn, idejh traku jferfru donnhom biex iġorru l-kliem li joħroġ minn fommu u jsammruhom sewwa f'ras min jisimgħu, rasu mmejla donnha ma trid titlef xejn minn dak li jiġri ma' dwarha.

Dik ras is-Sur Nin qisha kienet imnaqqxa fuq xi xbieha tar-rħam ta' għorrief Griegi tal-qedem, ngħidu aħna Senofonte, Euripide jew Omero. Hi ras li tolqtok, li ġġagħlek tħares lejha u terġa'. Mhux id-dawra sħiħa tagħha, mhux it-tagħmira xagħar abjad u sfieq, mhux il-mustaċċi mqaċċtin qosra ħajjin u ħarkiena maċċaqliq bla heda tax-xoffa mimlija, imma l-għajnejn huma dawk li jaħkmu lil min jaqa' taħt il-ħarsa tagħhom : għajnejn jibbru ħajjin u ħenjin, għalkemm imdellin minn ħuġbejn mimlija, jarmu dija qisha xrara mkebbsa mid-dehen tal-moħħ.

Il-kisra tal-għajnejn, il-għamla tal-ġbin, il-milja tal-ħaddejn, iċ-ċaqliqa tax-xofftejn, it-tbissima tal-fomm, il-kisra fil-qosor ta' l-imnieħer, ilkoll flimkien inisslu dik il-bixra ta' dehen u dħulija li jsawwru l-personalità ta' Ninu Cremona.

Is-Sur Cremona l-lum mhux żgħir iżda moħħu għadu ċar, qalbu għadha mħeġġa, ir-rieda tiegħu għadha qawwija, ħsiebu għadu mxiegħel fix-xogħol li dlonk jindaħal għalih bil-ħrara taż-żgħożija.... u l-pinna tiegħu għadha sejra tikteb bla heda. Hu bniedem li matul il-medda tas-snin iltaqa' ma' bosta tiġrib u tgħallem tajjeb xi trodd il-ħajja, hu jħobb jitkellem fuq it-twegħir li sab ruħu fih imma jħobb ukoll isemmi dwar il-ftietaq henjin u l-praspar li ltaqa' magħhom; xi drabi mhux biss isemmi imma jtenni u jtellet fuq l-istesss ħaġa jew tant isib xi jgħid li jitbiegħed



mis-suġġett. Qalb ġabra nies ma jibqax ma jgħidx xi ħaġa u min jinzerta jkun miegħu ma jiddejjaqx bil--ħemda jew is-skiet. Minn widnejh hu daqsxejn dgħajjef, imma lsienu għadu jaqta' daqs tellerita.

Fuq kollox Ninu għandu qalbu tajba u għalkemm mhux berbieqi ma jibqax lura meta tinħtieġ xi għajnuna lil għajru, lill-ħbieb iżommhom b'għożża kbira, dlonk jaqbeż għalihom u dejjem imħejji biex jgħidilhom kelma għall-ġid, jifthilhom għajnejhom jew ibeġġlihom n-nuqqasijiet tagħhom.

Is-Sur Nin igawdi l-qima u l-ħbiberija tal-kotra, hu jitħallat bil-ħeffa mal-kbarat u mal-baxxi u jaf imur mal-wieħed u ma' l-ieħor, qatt ma ntefaħ bih innifsu jew inqata' mill-fqir. Kellu x'jaqsam mal-għorrief magħrufin mad-dinja kollha, mal-mexxejja tal-pajjiż, mal-kapijiet tal-Knisja, man-nies tat-tajjeb, tal-kummerċ u ma' dawk ta' l-Università, saħansitra kiseb il-ġieħ u t-titlu ta' Duttur, iżda qatt ma tilef dik ix-xejra ta' ħbiberija u dik il-għada tad-dħulija li jagħżluh għalih innifsu. Ħbiberija u dħulija huma żewġ għotjiet mill-iżjed għeżież, li jagħnu l-bniedem, imma meta huma jkunu mseħbin mad-dehen u l-ħeġġa, dak il-bniedem jisseddaq fil-ħarsa tal-Mulej.



(Bil-kortesija tat-"Times of Malta")

**W.R. Mons. Prof. E. Coleiro, D.D., Ph.D., J.C.B., B.A., qed jaqra fl-Aula Magna ta' l-Università diskors bil-Latin nhar is-Sibt, 4 ta' Ġunju, 1960, meta ngħata d-Dottorat tal-Letteratura (Honoris Causa) lis-Sur Nin Cremona.**